

**DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW****tat-2 ta' Awwissu 2012****li tħassar id-Deċiżjoni BĊE/2011/25 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral****(BĊE/2012/17)**

(2012/475/UE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikolu 127(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż tal-Artikoli 3.1, l-Artikolu 12.1, l-Artikolu 18 u t-tieni inċiż tal-Artikolu 34.1,

Billi:

- (1) Id-Deċiżjoni BĊE/2011/25 tal-14 ta' Diċembru 2011 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral<sup>(1)</sup> għandha tiġi sostitwita minn Linja Gwida BĊE/2012/8 tat-2 ta' Awwissu 2012 dwar miżuri temporanji addizzjonali fir-rigward ta' operazzjonijiet ta' rifinanzjament tal-Eurosistema u l-eliġibbiltà tal-kollateral u li temenda l-Linja Gwida BĊE/2007/9<sup>(2)</sup> sabiex tħalli lill-banek ċentrali nazzjonali jimplimentaw miżuri addizzjonali għall-appoġġ imsaħħaħ għall-kreditu fil-qafas kuntrattwali u regolatorju applikabbli lill-kontropartijiet tagħhom.

- (2) Id-Deċiżjoni BĊE/2011/25 għandha titħassar.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1***Tħassir ta' Deċiżjoni BĊE/2011/25**

1. Id-Deċiżjoni BĊE/2011/25 hija mħassra b'effett mill-14 ta' Settembru 2012.
2. Referenzi għad-Deċiżjoni rrevokata għandhom jinftiehm b'ħala referenzi għal Linja Gwida BĊE/2012/18.

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ jumejn wara l-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Frankfurt am Main, it-2 ta' Awwissu 2012.

*Il-President tal-BĊE*

Mario DRAGHI

<sup>(1)</sup> ĠU L 341, 22.12.2011, p. 65.

<sup>(2)</sup> Ara l-paġna 20 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.